**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 20 - IT-TNEJN 5 TA' MEJJU 2014**

## LAQGĦA B'URĠENZA

Il-laqgħa b'urġenza kienet imsejħa għas-7:30pm mis-Sindku b'din l-aġenda:

1. *Approvazzjoni tal-Financial Statements verifikati.*

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Romina Perici Ferrante | Accountant |
| Skużati: | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti | |

**1. MINUTA SILENZJU**

1.1. Eżatt wara t-talba l-Kunsill għamel minuta silenzju b'rispett lejn il-Kunsillier Louis Bonnici li miet jumejn qabel u kellu l-funeral dak inhar stess.

**2. APPOLOĠIJI**

2.1. Is-SE informa li meta kkordina l-laqgħa b'urġenza il-Kunsillieri Galea, Miceli u Sciberras mill-ewwel kienu infurmaw li ma jistgħux jattendu iżda hu kien għad ma rċieva xejn mingħandhom bil-kitba. Il-Kunsillier Sciberras kien informa li se jkun xogħol filwaqt li l-Kunsillieri Galea u Miceli kienu se jkunu imsifrin.

**3. APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS VERIFIKATI GĦAS-SENA 2013**

3.1. L-accountant spjegat x'kien it-tibdil propost mill-Awdituri u li kważi kien aċċettat kollu. Però ma ntlaqax is-suġġeriment tal-Awdituri li l-ammont pendenti bħala kreditu ta'

Stencil Pave jitneħħa ħalli meta tinqata’ s-sentenza l-Kunsill ma jinqabadx b’ammont li m’għandux maħsub għalih.

3.2. Madanakollu, la darba tħalla dan, tneħħiet in-nota dwar dan il-każ mill-*Contingent Liabilities.*

3.3. Is-Sinj. Perici spjegat ukoll li l-aġġustamenti li saru ftit li xejn bidlu x-xenarju tas-sitwazzjoni finanzjarja u għalhekk xorta hija meqjusa sitwazzjoni b’saħħitha.

3.4. Is-SE għamel riferenza wkoll għall-Ittra ta’ Direzzjoni iżda informa li din tiġi diskussa meta tintbagħat mingħand l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

3.5. Il-Kunsill imbagħad, wara konsiderazzjoni, approva unanimament dawn il-*Financial Statements.*

**4. TMIEM IL-LAQGĦA**

4.1. Il-laqgħa intemmet fit-19:55.

(*IFFIRMATI*)

| | |
|---|---|
| **MARIA F. DEGUARA *MD,MMCFD*** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |